2 ta' Diċembru, 1947.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Joseph Fava et. *versus* Francesco Grima ne.

**Ċitazzjoni — Dokumenti — Liberazzjoni "Ab Observantia"— "Pool" — Soċjetà — Kuntratt "Sui Generis".**

*Meta ċ-ċitazzjoni ma tkunx akkompanjata mid-dokumenti meħtieġa, ma hemmx lok għall-liberazzjoni tal-konvenut "ab observantia", jekk il-konvenut kien fi grad li jkun jaf, u kien jaf, b'dawk id-dokumenti, u għalhekk ma sofra ebda preġudizzju bin-nuqqas ta' l-eżibizzjoni tagħhom.*

*Il-"Pools" li ġew furmati mħabba l-emerġenza tal-gwerra ma jistgħux jissejħu soċjetajiet, imma huma assoċjazzjonijiet "sui generis" li ma humiex regolati mill-liġi kummerċjali li tirregola s-soċjetajiet. Dawk l-assoċjazzjonijiet huma regolati mill-kondizzjonijiet apposti fil-kostituzzjoni tagħhom, u li għalihom ikunu qagħdu dawk l-as-*

*soċjati li daħlu fil-"pool"; għax huma daħlu fil-"pool" għax riedu.*

L-atturi fit-taħrika qalu illi l-konvenut huwa distributur ta' l-oġġetti razzjonati lir-"restaurants" fiċ-ċentru ta' Birkirkara; u illi f'dik il-kwalità huwa għandu jagħti lill-"Wholesale Foodstuffs Pool" perċentwali tal-45% mill-profitti lordi li jirrikava mid-distribuzzjoni ta' l-oġġetti fuq imsemmija; u li dina l-perċentwali, għall-perijodu mill-21 ta' Jannar sat-30 ta' Diċembru 1944, ammontat għal £70. 14. 10. kif jidher mill-prospett (dok. A); u żiedu qalu illi l-konvenut, debitament interpellat, irrifjuta li jħallas dik il-perċentwali; u talbu li, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut proprio et nomine jiġi minn dina l-Qorti kundannat iħallas lill-atturi nomine s-somma fuq imsemmija ta' £70. 14. 10. jew somma oħra verjuri, akbar jew iżgħar, korrispondenti għall-perċentwali fuq imsemmija tal-45% mill-profitti lordi rikavati mid-distribuzzjoni ta' l-oġġetti mill-konvenut magħmula, u għall-perijodu fuq imsemmi. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Diċembru 1944;

Il-konvenut wieġeb, preliminarjament, illi ċ-ċitazzjoni ma hix korredata bid-dokumenti neċessarji biex l-atturi jsostnu t-talba, sija in kwantu għall-kwalità tagħhom, sija in kwantu għall-perċentwali mitluba; u għaldaqstant il-eċċipjent jitlob biex ikun liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-atturi. Fil-meritu (a) illi l-perċentwali tal-45% tal-profitti lordi msemmija fiċ-ċitazzjoni ġiet stabbilita għad-distributuri ta' l-artikoli kollha razzjonati, u mhux għal dawk li huma distributuri ta' xi artikoli biss, kif inhuwa l-eċċipjenti; (b) illi l-imsemmija perċentwali ġiet iffissata mill-Awtorità, għax il-Gvern irritjena illi l-55% tal-profitti lordi kienet rimunerazzjoni sufficjenti għall-ispejjeż neċessarji, mentri l-ispejjeż jissuperaw dan l-ammont, kif ikun pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża; (c) illi meta l-maġġuranza tal-membri tas-soċjetà taw il-kunsens tagħhom, ma setgħux jikkunsidraw sewwa dak li kien qiegħed isir; sija għaliex kienu taħt il-minaċċja illi, kemm il-darba ma kienux tinbagħat risposta, il-Gvern kien ineħħilhom il-kariku ta' distributuri, sija minħabba l-konfużjoni u l-għajjat li kien hemm fil-laqgħat,

tant li ħafna mis-seduti ġew sfrattati; għalhekk tonqos is-serjetà tal-kunsens; (d) illi l-membri ħasbu illi l-kwota kienet tkun mibdula. U wieġeb ukoll li kien hemm nullità tal-kunsens mogħti fil-ħlas tal-45% indikat fiċ-ċitazzjoni, imħabba li l-kunsens kien karpit u ma k'enx volontarju;

F'nota oħra l-konvenut qajjem l-eċċezzjoni tan-nullità tas-soċjetà mingħajr l-assenza ta' fond soċjali;

*Omissis;*

Fuq l-eċċezzjoni preliminari l-Qorti tosserva li lok ta' liberatorja ma hemmx, għax il-konvenut kien fi grad li jaf, u kien jaf, bid-dokument kostitutiv tal-Pool rappreżentat mill-atturi, li ġie publikat debitament fil-Gazzetta tal-Gvern, u għalhekk ma sofra ebda preġudizzju. Kopja tal-Gazzetta tal-Gvern ġiet eżibita f'dan il-proċess, u saret riferenza għall-provi li nstemgħu fil-kawża in re "Fava vs. Bonnici" li ġà ssemmiet (fol. 12); u għalhekk il-kawża setgħet timxi 'l quddiem, kif effettivament imxiet;

Fuq l-eċċezzjoni tan-nullità ta' dik li l-partijiet sejħu soċjetà, il-Qorti tosserva qabel xejn li mill-att kostitutiv jirriżulta li fond soċjali fil-fatti kien hemm, peress li ġie kostitwit il-kapital sottoskritt mill-imseħbin. Evidentement il-partijiet ma kellhomx bżonn ta' kapital akbar biex jaħdmu n-negozju tal-"pool". Lanqas ma għandu raġun il-konvenut igħid li kien hemm fil-fatti soċjetà leonina għax id-distributuri biss kienu jaħdmu. Kif jitqassam ix-xogħol bejn l-imseħbin huwa regolat mill-ftehim intern ta' bejniethom, u ma hemm xejn fil-liġi li jimpedixxi soċjetà fejn ix-xogħol isir minn uħud biss mill-kapitalisti. Fil-każ in ispeċje l-qligħ u t-telf kien imqassam preventivament bejn l-imseħbin, u għalhekk ma kienx hemm dak li jikkostitwixxi soċjetà leonina, li huwa l-ftehim li t-telf kollu jew il-qligħ kollu jmur għal xi wħud mis-soċi biss;

Fil-fatti rriżulta li proprjament dak li l-partijiet għoġobhom isejħu soċjetà kien ftehim ta' assoċjazzjoni "sui generis", maħluqa mill-eżiġenzi ekonomiċi ta' l-emerġenza tal-gwerra, taħt kondizzjonijiet imposti mill-Gvern u aċċettati mill-membri; u kif osservat il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Novembru 1946, in re "Fava et. vs. Bonnici", bl-ebda sforz ta' l-immaġinazzjoni ma jistgħu jissejħu veri

soċjetajiet biex ikunu regolati mil-liġi kummerċjali riferibili għas-soċjetajiet, għaliex ikun assurd f'kuntratt ta' soċjetà illi l-membri jkunu imposti mill-Gvern u mhux volontarjament jingħaqdu flimkien; preċiżament għaliex f'dan il-każ ma hemmx l-"affectio societatis";

Għaldaqstant dawk l-eċċezzjonijiet ta' nullità li qajjem il-konvenut huma kollha kemm huma bla ebda fondament ġuridiku. Il-konvenut daħal fil-"pool" għax kien jaqbillu, u li ried, seta' jibqa' barra mil-"pool". Fil-fatti daħal fil-"pool" volontarjament, u għalhekk qagħad għall-kondizzjonijiet. Li ma riedx joqgħod għall-kondizzjonijiet, seta' ma daħalx fil-"pool". Għalhekk ma kien hemm l-ebda kunsens karpit, jew vizzjat b'xi nuqqas ta' volontà;

Waħda mill-kondizzjonijiet tal-"pool" kienet preċiżament li d-distributuri jagħtu lil-imweħbin l-oħrajn 45% tal-profitti lordi tan-negozju li għalih kienet iffurmata l-"pool". Dina kienet kondizzjoni stabbilita mill-Gvern, ikkumnikata lill-Kamra tal-Kummerċ, u aċċettata mill-membri kollha li riedu jidħlu u daħlu f'dik il-"pool", u d-distributuri ġew magħżulin u maħturin mill-Gvern preċiżament taħt dik il-kondizzjoni. Il-konvenut ma kienx eċċezzjoni għal dik ir-regola; u la daħal u aċċetta li jidħol u jaħdem f'dik il-"pool", kien obligat joqgħod għal dawk il-kondizzjonijiet. Fil-fatti l-konvenut ħadem bħala distributur, u l-perċentwali ma ħallashiex;

Fuq il-kont eżibit mill-atturi ma jirriżultax li hemm kontestazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talba għal-liberatorja "ab observantia"; tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità tal-"pool" għar-raġuni ta' nuqqas ta' fond soċjali u għar-raġuni tal-karattru ta' soċjetà 'leonina'; u tiċħad l-eċċezzjoni ta' difett tal-kunsens; u tilqa' t-talba. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.